# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 78/2024**

Data: l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli | Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Dr Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| Skużat/i : | Sna Toshera Schembri | Kunsilliera |
| | Sur Mario Fava | Kunsillier |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**78.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**78.2 MINUTI**

**78.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**78.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

78.5 ĦLASIJIET

78.6 FINANZI

78.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

78.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

78.9 IL-KARNIVAL

78.10 KORRISPONDENZA

78.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

78.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

78.13 TRAFFIC MANAGEMENT

78.14 STAFF

78.15 MOZZJONIJIET

78.16 PLANNING AUTHORITY

78.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

78.18 MISTOQSIJIET

78.19 AĠĠORNAMENT

---

Is-Sindku radd is-salib u rringrazzja lil min kien involut fl-attivitajiet li ttellgħu matul ix-xahar li għadda.

## 78.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**78.1.1** Kien kemm zewgt talbiet ta' apologija minghand il-Kuns M Fava minhabba xoghol tal-Assocjazzjoni u l-Kuns T Schembri minhabba mpenji ta' xoghol . Il-kamra approvat dawn it-talbiet.

## 78.2 MINUTI

**78.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6629 77/23/8** 'Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 77/2023 bid-data tal-12 ta' Dicembru 2023.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6630/24/8** 'Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa tal-Lokalita' bid-data tal-12 ta' Diċembru 2023.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello astjena mill-approvazzjoni tal-minuti minhabba li ma kienx prezenti ghal-laqghat ta'12 ta' Dicembru 2023.

## 78.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**78.3.1**. Is-Sindku informa lill-kamra bir-rapport ta' attendenza tal-Kunsilliera, li l-ligi tippermetti li ghandhom jigu nfurmati d-Direttorat tal-Gvern Lokali (DLG)u nies ohra ikkoncernati rigward l-attendenza ta' kull Kunsillier. Is-Sindku ressaq ghal informazzjoni tal-kamra l-attendenza ta' zewg Kunsilliera li naqsu mid-dmir taghhom li jattendu 4 laqghat tal-Kunsill.Is-Sindku se jressaq 2 mozzjonijiet ghall-attenzjoni tal-ligi. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6631/24/8** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2023 u Dicembru 2023, dawn il-kunsilliera kienu assenti u/jew skuzati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 16-il laqgha: **Kunsillier Adrian Tanti** - 11.1.23, 8.2.23, 15.2.23, 8.3.23, 5.4.23, 13.4.23, 10.5.23, 8.6.23, 22.6.23, 4.7.23, 2.8.23, 13.9.23, 20.9.23, 11.10.23, 8.11.23, 12.12.23 Peress li skond artiklu 18 tal-Ligi (Kap 363), il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jirraporta lil dawk il-kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqghat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqghat li jkunu saru fi zmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-kaz ta' dawn il-Kunsilliera ghall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Ghaldaqstant nitoblok tinnota li dan il-Kunsillier ilu ma jattendi iktar minn sena ghal-laqghat tal-Kunsill, qed nitolbu biex dan il-post jigi vakant.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.3.2**. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6632/24/8** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2023 u Dicembru 2023, dawn il-kunsilliera kienu assenti u/jew skuzati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta 16-il laqgha: **Kunsillier Mario Fava** - 8.2.23, 5.4.23, 13.4.23, 10.5.23, 8.6.23, 22.6.23, 4.7.23, 2.8.23, 13.9.23, 11.10.23, 8.11.23 Peress li skond artiklu 18 tal-Ligi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqghat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqghat li jkunu saru fi zmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-kaz ta' dan il-Kunsillier ghall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jigix vakanti u l-imsemmi kunsillier jibqa' jokkupa il-kariga.'

Wara diskussjoni fejn Il-Kuns R Deguara qali li s-Sur Fava jkollu laqghat Brussel kif ukoll ta' l-Assocjazzjoni (AKL) ghalhekk ghandu jkun skuzat.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**78.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6633/24/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar 2024 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.5 ĦLASIJIET

**78.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6634/24/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 13/12/2023 sa 10/01/2024 kif inhu anness" (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6635/24/8** "Sabiex tigi approvata l-iskeda addizzjonali ta' ħlasijiet minn 11/01/2024 sa 16/01/2024 kif inhu anness" (Ara DOK 'C' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.6 FINANZI

**78.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6636/24/8** 'Sabiex tigi mgedda l-polza tal-assigurazzjoni tal-flus kontanti, cekkijiet u kif ukoll waqt incident ta' serq, fejn haddiem igarrab xi forma ta' danni kemm fizici kif ukoll affarijiet personali, ghal perjodu minn 29 ta' Jannar 2024 sa 28 ta' Jannar 2025, ghas-somma ta' mhux aktar minn €65.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6637/24/8** 'Sabiex tigi mgedda l-polza tal-assigurazzjoni Personal Accident ghal kull persuna li l-Kunsill jkun se jkopri taht din il-polza minn 29 ta' Jannar 2024 sa 28 ta' Jannar 2025, ghas-somma ta' mhux aktar minn €30.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**78.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref **6638/24/8** 'B'referenza ghac-cirk SPI/SCI/06/2023 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-Direttorat ghar-Ricerka, Taghlim Tul il-Hajja dan il-Kunsill ghandu jissottomenti l-applikazzjoni ghal dawn il-korsijiet Malti u Ingliz. B'referenza ghal din il-mozzjoni ghandhom jigu nfurmati 'Dar il-Liedna'. Ghandha tigi notifika ghall-ghaqdiet kollha li hawn fil-Fgura inkluzi l-individwi.'

Din kienet sekondata minn Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.7.2** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6639/24/8** 'Sabiex il-Kunsill Lokali japplika ghall-iSkema tar-Restawr b'referenza SPI/SCI/2024/2025 u l-applikazzjoni hi marbuta mal-Portiku u l-gallarija tal-kunvent tal-Partrijiet Karmelitani.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

Is-Sindku informa il-kamra rigward it-tender ghad-dekorazzjonijiet/dawl tal-Milied fejn jista jinbeda l-process sabiex inkunu fil-hin ghal Milied li gej.

Il-Kuns R Deguara xtaq jigbed l-attenzjoni tal-Kuns M Lombardo fuq id-dekorazzjoni tas-sigra naturali li hemm fir-roundabout ta' fejn l-HSBC u l-istruttura tal-hadid tal-Milied li titpogga fuqha. Xtaq li taht ikun hemm miktub 'Awguri mill-Kunsill Lokali Fgura', fejn jekk il-Kummissjoni ma tistax taghmilha jitqabbad enginier. Il-Kuns M Lombaro wiegeb li fil-Milied li gej se jkun hemm kunsill gdid u jsiru it-tahdidiet necessarji. Is-Sindku izda stqarr li ilu isostni li post is-sigra tal Milied wasal biex jindidel ghax is-sigra propja kibret wisq.

**78.8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6640/24/8** 'Sabiex jigi mgedded il-MOU ghal-estenzjoni tal-qbil fuq Surrounding Localities min naha tal-LESA ghal dawn it-tlett snin li gejjin.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.9 IL-KARNIVAL

**78.9.1** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent tieghu fuq dan is-suggett. Il-Kuns Bonello xtaq jikkonferma li l-Karnival fil-Fgura li ser isir fil-11 ta' Frar 2024 ser isir quddiem il-Bini tal-Kunsill Lokali fi Triq Hompesch. L-organizazzjoni tinsab fil-fazi finali u jidher li ser ikun hemm element tajjeb ta' facilitajiet. Ser ikun hemm ukoll zewg baned: il-Banda tal-Fgura li ser iddoqq tul Triq Hompesch mill-Mina sar-roundabout tal-HSBC u Banda Braziljana li ser idoqq tul Triq is-Sur minn Triq Merhba sal-Kunsill. Minkejja li dawn ir-rotot ga kienu pprezentati lill-awtoritajiet, jista jkun li jkun hemm xi tibdil jekk kemm il-darba jirrizulta problemi logistici.

**78.9.2** Il-Kuns C Bonello zied ukoll jghid rigward : *Inizjattiva – Inpingu ghall-Karnival 2024*. Ir-reklamar ta' din l-attivita diga beda bil-leaflet li qed jitqassam din il-gimgha kemm fid-djar, fl-iskola u anke ser nippruvaw ghand ghaqdiet ohrajn. Il-maskri jistghu jaslu ghand il-Kunsill sas-7 ta' Frar.

## 78.10 KORRISPONDENZA

**78.10.1** Is-Sindku informa l-kamra li waslitlu talba sabiex izewweg kopja bejn s-Sa Roxanne Samuel u s-Sur Godwin Spiteri nhar il-4 ta' Mejju 2024, fi zwieg civili. Is-Sindku accetta din it-talba.

Il-Kuns R Ellul prezenta ruhu ghal-laqgha fis-1830.

**78.10.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6641/24/8** 'Talba minghand Fgura United Football Club ghal xiri ta' 70 trofew ghal *boot camp* f'Jannar 2024 ghas-somma ta' €826 Vat inkluza.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.10.3** Is-Sindku informa lil kamra li ircieva korrispondenza dwar dannu fuq mutur li sar nhar it-30 ta' Dicembru 2023. Wara diskussjoni bejn il-membri tal-kamra, rigward fejn sar l-incident, Triq il-Foss, titqies bhala arterjali jew residenzjali/distriburtoria. Il-Kuns C Bonello qal li skond kif tghid il-ligi l-imsemmija triq hija residenzjali. Min naha l'ohra is-Sindku sostna li hija tigi konfini peress li tghaqqed Bluebel, Haz-Zabbar u l-Fgura u ma hemmx residenti jghixu hemm. Is-Sindu stqarr li meta certu toroq ikunu maghluqin, l-mezzi tat-transport pubbliku jghaddu minn

hemm. Il-Kuns C Bonello saqsa jekk isir incident fi Triq il-Karmelitani, li hija triq residenzjali, il-Kunsill x'pozizjoni jiehu? Is-Sindku fakkar fil-policy tal-Kunsill li ma jidholx fi spejjez u hlasijiet ta' incidenti f'zoni residenzjali. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6642/24/8** 'Dan il-Kunsill ghandu jinforma li sid tal-mutur konnessjoni mal-incident, li toqba saret kagun ta' xogholijiet li saru Triq Kunsill tal-Ewropa minn Infrastructure Malta (IM), ghalhekk dan il-kaz ghandu jigi rriferut lil I.M.'

Il-Kuns R Ellul iddikjara interess u ma ivvutax.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.10.4** Is-Sindku informa lil kamra li ircieva korrispondenza dwar bicca mill-armar tad-dawl tal-Milied li waqet minhabba r-rih, fuq vettura Qashqai Tekna DCI b'numru tar-registrazzjoni KCE138. Fil-Milied li ghadda ma saritx assigurazzjoni fuq dan l-armar peress li ma nghatax bit-tender ix-xoghol tal-armar, izda bi quotes ghax iz-zmien kien qed joqrob sabiex isir it-tizjien tad-dawl fit-toroq. Ix-xoghol tad-dawl li kien hemm quddiem il-knisja kien tal-Kummissjoni u mhux tal-kuntrattur. Il-Kuns R Deguara mill-esperjenza li ghandu fl-assigurazzjoni, sahaq li meta jkun hemm sub contracting ghandha issir assigurazzjoni min naha ta' min qed jarma bhal f'dan il-kas li hi l-Kummissjoni. Il-Kunsill ma jkoprix il-kummissjoni jew entita ohra, bl-assigurazzjoni li tkopri il-Kunsill. Bhala Kummissjoni ghandha r-responsabilita li ssir assigurazzjoni ta' sena minhabba li ikollhom hafna attivitajiet matul is-sena. Il-Kuns R Ellul gibed l-attenzjoni ukoll li fil-Fgura hawn hafna ghaqdiet u trid titiehed attenzjoni li ma jonholoqx precedent. Il-Kuns C Bonello qal li l-process kollu ghandu jsir mal-Kummisjoni u titiehed attenzjoni kif niprocedu. Wara diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6643/24/8** sabiex 'Dan il-Kunsill ghandu jinforma lil Kummissjoni li ghandhom jiehdu process f'idejhom biss wara fejn jidhlu spejjes dan ghandu jigi diskuss aktar il-Kunsill. B'dan il-Kunsill mhux qieghed jaccetta l-ebda tort ghar-rigward tal-imsemmi incident u ghandu jigi nfurmat l-Insurance li Sinjura Charlene Agius dwar dan.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 78.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**78.11.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6644/24/8** 'Sabiex tinxtara u titwahhal Smart Genie fil-binja tal-Kunsill mat-tank tal-ilma biex tindika jekk ikun hemm hsarat fejn jidhol l-ilma ghas-somma ta' mhux aktar minn €450.'Lawrence 79922515

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.11.2** Is-Sindku informa lill-kamra, li waqt laqgha mall-Pertit Ruben Aquilina f'isem Enemalta, infurmana li ser isiru xogholijiet fuq zieda ta' cabels taht l-art u jigu mqabda mas-substation. Dan minhabba zieda fil-kunsum tad-dawl sabiex jigi evitat qtugh fil-provista tad-dawl. Dan se jaffetwa biss parti zghir mill-Fgura u x-xoghol ser isir mall-lejl minn taht il-mina ta' Bormla. B'hekk ma jigix affetwat it-traffiku. Is-Cetral strip tnehhiet temporanjament sakemm jitlesta x-xoghol.

**78.11.3** Is-Sindku informa l-kamra li waqt laqgha dwar id-dawl tal-Fgura Arcades, il-Projects Manager ta' ME Architects flimkien ma' Joe Borg minn Nexos, qablu li ssir pjanta u tinbaghat l-Enemalta (wara li tigi murija lil-Kunsill) minnaha ta' ME Architects. Dan sabiex jigu ndikati l-ammont ta' flood lights zghar li hemm bzonn biex il-passagg ikun imdawal tajjeb u kollox ikun innumerat min naha ta' Enemalta.

**78.11.4** Is-Sindku informa lill-kamra li bhala Lokalita' gejna fit-3 post rigward l-ammount ta' batteriji uzati li gew migbura l-Kunsill u mghoddija lill-GreenPak Coop Society Ltd.

**78.11.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6645/24/8** 'Sabiex tinghata ghajnuna lil cat feeders f'ikel ghal qtates ghas-somma ta' mhux aktar minn €2000 minghand Darren Central Vet.' Dan l-ikel ser jinzamm il-Kunsill u jitqassam skond kemm hawn feeders registrati fil-Fgura. Din il-lista qed tigi aggornata bil-ghajnuna ta' Ackerly Pace.'

Ackerly Pace se jaggorna l-lista tal-cat feeders u se nghadduha lid-dipartiment ikkocernat ukoll. Il-Vici Sindku u il-Kuns C Bonello urew l-opinjoni taghhom li l-ikel jinzamm fil-garaxx tal-Kunsill u jitqassam mill-Kunsill. Ghandu jkun hemm skeda ta' meta jista jingabar l-ikel u jkun hemm kontroll ta'min ibbenifika min dan l-ikel kif kien pjantat diga ma' Ackerly. Min naha ta' Kunsill diga gew preparati l-logistika sabiex jinzamm rendikont ta' feeders li jkunu hadu l-ikel.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.11.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6646/24/8** 'Dan il-Kunsill ghandu jippartecipa f'din l-inizjattiva ghall-konservazzjoni tan-Nahla Maltija.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.11.7** Is-Sindku informa lil kamra dwar l-laqgha li sehhet ma PCGen rigward program tas-software li kien inbeda izda qatt ma gie implimentat. Dan jiswa sabiex kull ilment li jidhol ikun irrokardjat u jista jsir follow up. Ghal fini ta'

rapporti jghin ukoll ghax ikun process ongoing mhux fl-ahhar tas-sena trid iddahal kollox f'sistema.

**78.11.8** Il-Kuns R Deguara saqsa dwar il-sejha ghal skrivan part time. Is-Segretarju wiegbet li damet ftit min naha tad-dipartiment sabiex giet approvata izda l-gimgha l-ohra harget bhala *call* interna u li se taghlaq fi 23 ta' Jannar 2024. Wara, jigu nfurmati Jobsplus u d-Dipartiment jekk ma jkunx hemm applikazzjoniet sabeix jinbaghtu l-listi ta' min hu nteressat ghal dan il-post min naha tal-jobs plus.

**78.11.9** Is-Sindku informa l-kamra li rcieva korrispondenza minghand Luciano Vella(ex kunsillier) li joqghod Triq is-Sur k/m Triq Blonder. Dan ir-resident baghat ittra u informa l-ombudsman rigward l-ilma li qed jidhol fid-dar tieghu meta jkun il-maltemp. L-ufficcju tal-Ombudsman infroma lis-Sur Vella sabiex jikkonsulta mall-Kunsill. Is-Sindku mar izuru personalment u fakkru li diga kienu ittiehdu pass fejn saru culverts tul it-triq kollha. Infrusturce Malta kienu nehhew il-hadid li kien sar sabiex saret rampa. Gie propost li ssir struttura tal-hadid sabiex jilqa l-ilma meta jkun il-maltemp. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li dan ghandu t-toqob fic-cint tal-parapett li wkoll ghandhom jigu maghluqa. Min naha tal-Kunsill, is-Sindku se jiltaqa' mall-perit sabiex jinhareg rapport u ninfurmaw l Ombudsman li bhala Sindku ha passi.

**78.11.10** Is-Sindku informa l-kamra dwar l-installazzjoni tas-CCTV's qeghdin fil-kas finali u dalwaqt jitbaqdu mas-sistema tal-LESA. Il-Kuns M Lombardo saqsa jekk dawn ic-CCTV's huma moniteragg fuq l-parkegg ukoll izda il-Vici Sindku wiegbu li l-iskema kienet fuq l-iskart li jintrema fejn mhux permess.

## 78.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**78.12.1** Is-Sindku informa l-kamra bi Triq Pitiross li qed isiru t-testijiet tal-chlorine. B'hekk il-kuntrattur ikun jista jaghlaq wara li jigu r-rizultati tal-chlorine.

**78.12.2** I-Sindku informa l-kamra li twahlu t-tabelli ghal zewgt toroq ohra li se issir l-manutenzjoni taghhom, li huma Vjal Kottoner u fi Triq San Tumas. Twahhlu biss it-tabelli izda ghad ma ghandniex informazzjoni meta se jibda ix-xoghol min naha tal-Infrsturcture Malta.

## 78.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**78.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6647/24/8** 'Sabiex ma tintlaqax t-talba tas-Sur Joseph Attard ghal street humps fi Triq ir-Rghajja.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**78.13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6648/24/8** 'Sabiex issir Disable Parking Bay hdejn l-ufficcju tal-posta fi Triq Zabbar.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.13.3** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6649/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jinstalla mera fi Triq il-Merhba kantuniera ma' Triq is-Sur.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.13.4** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6650/24/8** 'Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jitlob lil TM sabiex isir bus shelter jew tip iehor ta' lquh fil-bus stop ta' Triq San Tumas k/m Triq il-Kampanella peress li tfal tal-iskola u kull min juza dan l-stop ghal skop ta' transport pubbliku qed ikunu suggett ghax-xita u elementi ohrajn.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.13.5** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6651/24/8** 'Sabiex isir bozza ohra fl-isqaq ta' bejn Triq il-Koppla u Triq is-26 ta' Marzu'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.13.6** Il-Kuns M Lombardo qal lil kamra li hemm toroq fejn giet imwaqqa dar u fejn kien hemm d-dawl, dan ma regghax sar. Is-Sindku stqarr li hemm process li meta individwu jigi ghall-permess tat twaqqih irid jittiehed ritratt tal-faccata sabiex meta jitlesta x-xoghol jergghu isiru d-dwal tat-triq bhal ma kien hemm. Jekk ma jaccettax li jsiru kif kienu ma jinharigx il-permess.

## 78.14 STAFF

**78.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6652/24/8** 'Impjegat fi skala 11 jinghata performance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6653/24/8** 'Impjegat fi skala 11 jinghata performance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6654/24/8** 'Impjegat fi skala 16 jinghata performance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6655/24/8** 'Sabiex jinghata performance bonus ta' 10% ghas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2023 pro rata.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6656/24/8** 'Sabiex jinghata performance bonus ta' 10% ghad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2023 pro rata.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6657/24/8** ' Impjegat fi skala 15 jinghata perfomance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6658/24/8** ' Impjegat fi skala 15 jinghata perfomance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6659/24/8** ' Impjegat fi skala 15 jinghata perfomance bonus ta' 6% ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.9** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6660/24/8** 'Sabiex tintlaqa r-rikjesta ta' zewgt studenti tal-MCAST tas-Sna Ciana Cortis u tas-Sna Julia Chetcuti biex jaghmlu 20 siegha *placement* fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.10** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6661/24/8** 'Sabiex tintlaqa r-rikjesta ta' zewgt studenti tal-MCAST tas-Sna Shana Galea u tas-Sna Annah Galea biex jaghmlu 20 siegha *placement* fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.14.11** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6662/24/8** 'Sabiex tintlaqa r-rikjesta ta' Mattia Calleja biex jaghmel 10 sieghat *placement* fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 78.15 MOZZJONIJIET

**78.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 78.16 PLANNING AUTHORITY

**78.16.1** Is-Sindku informa l-kamra li flimkien mal-Kuns C Bonello, il-Perit Luke Portelli u s-Segrtarju Ezekuttiv attendew ghal-laqgha online mall-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar:

DETERMINATION OF PLANNING CONTROL APPLICATION:

- *PC 00024/22 - To establish zoning, building heights & land uses site at, Triq id-Dejma, Triq il-Parroċċa c/w Triq il-Merħba, Fgura, Malta*

Wara tahdida bejn is-Sidien tal-izvillup, il-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar, l-Kunsill flimkien mall-perit – Il-Kunsill irrifjuta ghall-pjan ta' supermarket ta' aktar minn 500 metru kwadru f'din il-binja. Dan minhabba li l-Fgura diga mahnuqa bi stabilimenti u traffiku fejn ma jkunx ghaqli li jizdied dan il-kobor ta' supermarket. Li ser isir hu hanut ta' inqas minn 500 metru. L-Awtorita' ta' l-Ipjanar accettat ukoll u kien hemm qbil. Ma dan kollu l-Kunsill akkwista zewg zoni li ser isiru Pubblici – zona tmiss ma' parti minn Triq il-Parocca u l-ohra tinsab fit-tarf l-iehor ta' Triq il-Merhba. Is-Sindku izda wera d-disappunt tieghu minhabba li fil-media gie kritikat li bhala Kunsill hallew din z-zona tinbena. Is-Sindku qal li kemm ilu Sindku kull meta ressaq din l-proposta fuq il-mejda kien hemm qbil mill-membri. Il-Kuns M Lombardo qajjem is-sugget li qed jinbena bini gholi sa 7 sulari, fejn il-Kamra ma qablietx ghax id-Dar tal-Anzjani biss hemm ta' dan l-gholi. Rigward bini gholi dejjem saru oggezzjonijiet u fuq djar privati l-Kunsill ma jistax jidhol.

Il-Kuns C Bonello informa l-kamra li hejja set ta' mistoqsijiet lis-Segretarju Ezekuttiv dwar din il-laqgha. (Annessa ara DoK C). Wara diskussjoni il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6663/24/8** 'Mozzjoni sabiex minhabba l-problemi ta' densita, traffiku u problemi f'servizzi ohra, il-Kunsill Lokali tal-Fgura ghandu jitlob lill-Gvern sabiex jidhol f'diskussjoni sabiex isiru l-emendi mehtiega fil-pjan lokali sabiex ikun hawn bilanc bejn spazju miftuh u bini.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.16.2** Is-Sindku informa lill-kamra dwar korrispondenza min naha tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, jekk hux interessat sabiex jigi irregistrat ghal dan is-smiegh ta' dan l-imsemmi appell bhala konsulent estern b'referenza:

*'PA/00034/22 Proposed sanctioning of pre-1994 structure. Restoration works on pre 1968 structures and conversion of an un-used land to agriculture land. Site at, Wied Blandun, Fgura.'*

Is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mall-Perit Luke Portelli, ikkonfermaw l-attendenza taghhom ghal meta jigi stipulat is-smiegh.

## 78.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**78.17.1** Is-Sindku stieden lill-Vici Sindku sabiex jagħmel l-intervent min naħa tiegħu. Il-Vici Sindku beda billi rringrazzja lil ħaddiema tax-xogħol li għamlu Triq is-Sur fuq il-ħwat. Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6664/23/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas quotation dik ta' 10 Projects Ltd biex jinxtraw 27 Creeper għal Proġett tal-Green Corridor għas-somma ta €2,836.80.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.2** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6665/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-quote bl-irħas prezz biex jinxtara bank ieħor u jiġi installat fit-Triq is-Sur amalgamat mal-Proġett tal-Green Corridor għas-somma ta' €771.72.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.3** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6666/24/8** 'Sabiex tiġi approvata l-irħas quote biex tinxtara il-ħamrija għal-ħwat il-ġodda tal-Proġett tal-Green Corridor għas-somma ta' mhux iktar minn €1,125.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.4** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6667/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-budget ta' €4,000 biex issir l-inawgurazzjoni tal-Green Corridor fis-26 ta' April ġewwa Triq is-Sur.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.5** Is-Sindku stieden lil Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara beda billi rringrazzja lill-istaff u lil kull min ta' sehemu fil-ħarġa li saret illum. Infoma lill-Kamra li fis-26 ta' Jannar 2024, ser issir laqgħa ma' Ms Cynthia Formosa minn Active Aging Department flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fid-0900, sabiex tiġi diskussa ġurnata fil-ġimgħa li tkun iddedikata għal-anzjani tal-lokal li jiltaqgħu fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li ser ikun imsiefer.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6668/24/8** 'Sabiex issir ħarġa għal l-anzjani nhar il-Erbgħa 17 ta' April 2024 għas-somma ta' mhux aktar minn €1,200.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.6** Is-Sindku stieden lil Kuns M Lombardo sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6669/24/8** 'Sabiex il-Kunsill jalloka mhux aktar minn €200 biex jinxtraw kotba ghal Prize Day ta' School B.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6670/24/8** 'Sabiex issir it-Tieni Edizzjoni ta' Festa Tfal b'kollaborazzjoni mal-iskola Primarja tal-Fgura A u B, u bil-partecipazzjoni tal-ftuh Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, u l-Kummissjoni Festa Esterna nhar l-24 ta' April. Ammont ta' mhux aktar minn €3000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.8** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6671/24/8** 'Sabiex tigi mfakkra il-Jum Dinji tal-Ktieb bejn 16 u 23 ta' April b'kollaborazzjoni mal-Librerija u l-Iskola Primarja A u B.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.9** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent min naha tieghu. Il-Kuns Bonello beda bi Pjazza fil-Milied / Kuncert tal-Milied. Iz-zewg attivitajiet kienu success kbir u rringrazzja lill-istaff u lis-Segratarju Ezekttiv. Mill-feedback li ghandi l-ghaqdiet marru tajjeb u kienu kuntenti hafna bl-andament. Il-konkorrenza tan-nies, minkejja li fuq jumejn kienet tajba hafna u tati kuragg sabiex titkompla din l-attivita fil-futur. Mill-inizjattiva ta' gbir ta' donazzjonijiet, ingabret is-somma ta' €1711.10 li kien miftiehem fil-laqgha li ghaddiet ser imorru ghal Dar Bjorn.

**78.17.9** Il-Kuns Bonello stqarr mall-kamra li finalment, l-irham ghal mal-bazi tal-arblu ta' Triq il-Karmnu gew ordnati u issa nistennew sabiex il-marmista jlesti dawn l-irham sabiex jigu mwahhlin fuq il-post.

**78.17.10** Il-Kuns C Bonello informa lill-kamra li ghall-isbah faccatta kien hemm rispons ta' 5 applikanti. Il-bord tal-Aggudikazzjoni kien kompost minn Ron Cutajar bhala Chair, u l-membri kienu Michael Micallef, Christian Brincat u Chris Debono.

Dan l-ezercizzju gie ffinalizzat u l-prezentazzjoni saret nhar is-Sibt li ghadda 13 ta' Jannar waqt l-inawgurazzjoni tat-Tieni Edizzjoni tal-Wirjiet Hiliet il-Fgurin.

**78.17.11** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6672/24/8** 'Sabiex jibda l-process halli l-Green Corridor ta' Triq is-Sur isiru fanali li jahdmu bis-solar sabiex jinghata messagg tajjeb favur l-ambjent.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.12** Il-Kuns C Bonello informa l-kamra bit-tieni edizzjoni minn sensiela ta' 4 ta' Hiliet il-Fgurin li giet inawgurata nhar is-Sibt 13 ta' Jannar 2024 fil-Bini tal-Kunsill Lokali. F'din l-edizzjoni hadu sehem 3 artisti li joghoqodu fil-lokal li huma: *Yasmin Askiar, Christ Bonello u Victor Schembri*. L-attendenza ghall-inawgurazzjoni kienet tajba hafna. Il-wirja ser tibqa' miftuha sat-3 ta' Frar 2024. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6673/24/8** 'Mozzjoni sabiex tigi vvutata s-somma ta' €3,500 ghall-inawgurazzjoni tal-Wirja Hiliet Fgurin Edizzjoni Nru 2.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.13** Il-Kuns C Bonello informa l-kamra bit-tielet edizzjoni ta' Hiliet il-Fgurin ser tigi nawgurata is-Sibt 17 ta' Frar 2023. Ghal din il-wirja ser jiehdu sehem 2 jew 3 artisti. Il-Kuns Bonello stqarr li qed jiffinalizza l-partecipazzjoni. Wera x-xewqa li permess tal-Kamra presenti, sabiex jekk ikun hemm spazju, f'dawn iz-zewg wirjiet li fadal jizdiedu 2 artisti ohra li ghamlulu t-talba li jixtieqū jiehdu sehem (Josef Brincat u Vincenza Monreal). Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6674/24/8** 'Mozzjoni sabiex tigi vvutata s-somma ta' €3,500 sabiex fi Frar/Marzu tigi organizzata Wirja Hiliet Fgurin Edizzjoni Nru 3.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.14** Il-Kuns C Bonello informa lill-karma li din is-sena ukoll ghandu talba mis-Sur Keziah Ellul sabiex jorganizza Wirja marbuta mal-Gimgha Mqaddsa fil-Bini tal-Kunsill Lokali. L-Inawgurazzjoni ser issir is-Sibt 16 ta' Marzu 2024 filghaxija. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6675/24/8** 'Mozzjoni sabiex tigi vvutata s-somma ta' €3,500 ghall-organizazzjoni tal-Wirja marbuta mal-Gimgha Mqaddsa 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.15** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6676/24/8** 'Mozzjoni ta' nfieq ta' €10,000 għall-attivita' Mixghela f'Hamis ix-Xirka 2024. Ma dan l-ammont ser jizdied l-ammont li inghata l-Kunsill mill-iskema tal-Attivitajiet Kulturali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**78.17.16** Il-Kuns C Bonello informa lill-kamra li ix-xoghol fuq in-nicca tal-Madonna tal-Grazzja lest u l-Way Marker dalwaqt jehel f'postu. L-unika haga li qed tippersisti hija l-issue tad-dawl li suppost dalwaqt tkun solvuta. Ghalhekk issuggerixxa li tigi organizzata cerimonja fil-gimghat li gejjin sabiex dawn il-progetti jkunu formalment maghluqin. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6677/24/8** 'Mozzjoni sabiex fix-xhur li gejjin tigi organizzata l-inawgurazzjoni tal-Waymarker u nicca tal-Madonna tal-Grazzja, it-tnejn fi Triq il-Karmnu ghas-somma ta' €2,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 78.18 MISTOQSIJIET

**78.18.1** Is-Sindku saqsa l-kamra jekk hawnx mistoqsijiet u l-Kuns Charles Bonello u il-Kuns M Lombardo resqu set ta' mistoqsijiet. Il-Kuns C Bonello indirizza l-mistoqsijiet tieghu lis-Segretarju Ezekuttiv.

**Mistqosijiet Laqgha Kunsill Lokali Fgura 17.01.2024 minghand Kuns C Bonello**

**Risposta min naha tas-Segretarju Ezekuttiv 17/01/2024**

B'referenza ghall-applikazzjoni (Determination of Planning Control Application) mal-Awtorita tal-Ippjanar bir-referenza *PC 00024/22 - To establish zoning, building heights & land uses site at, Triq id-Dejma, Triq il-Parroċċa c/w Triq il-Merħba, Fgura, Malta* u l-laqgha li saret b'relazzjoni ma' din l-applikazzjoni fid-19 ta Dicembru 2023.

Tista s-Segretarju Ezekuttiv:

1: Tinforma lill-Kunsill min wera l-interess sabiex jattendi ghal din il-laqgha important li kienet ser tiddetermina l-pjan holistiku taz-zona u li riedet temenda l-lokal plan?

**Is-Sindku Pierre Dalli, il-Vici Sindku Clayton Cascun Portelli, Kuns Charles Bonello, is-Segraterju Ezekuttiv Gwen Calleja, il-Perit Luke Portelli.**

2: Min effettivament attenda ghal din il-laqgha?

**Is-Sindku Pierre Dalli, Kuns Charles Bonello, is-Segraterju Ezekuttiv Gwen Calleja, il-Perit Luke Portelli. Ftit qabel bdiet il-laqgha, il-Vici Sindku nfurmani li ma setghax jattendi minhabba li kienet inqalatlu emergenza familjari.**

3: Tikkonferma s-Segretarja li fit-tali applikazzjoni kien hemm inkluz ukoll supermarket kbir?

**Iva nikkonferma li fl-applikazzjoni msemmija kien hemm inkluz proposta ghal supermarket ta' iktar minn 500 metru kwadru.**

4: Tikkonferma s-Segretarja li bl-interventi li saru kemm mill-Kunsillier Charles Bonello kif ukoll mis-Sindku u wara argumenti mal-board tal-Awtorita tal-Ippjanar gie rrifjutat li l-pjan jinkludi wkoll Supermarket ghaliex anke l-board ra li dan jista johloq inkonvenjti kbar ghar-residenti u ghal-lokal?

**Iva nikkonferma li wara interventi mqanqlin tas-Sindku u l-Kunsillier Charles Bonello, u wara spjega mill-Perit u mis-Segretarju Ezekuttiv, il-bord irrufjuta li tali progett ikun jinkludi dan is-supermarket ta' iktar minn 500 metru kwadru.**

5: Tikkonferma s-Segretarja li wara insistenza tas-Sindku u tal-Kunsillier Charles Bonello assigurajna li ma jonqos l-ispazju miftuh kif kien qed jigi propost?

**Iva nikkonferma li l-ispazju miftuh inzamm dak originali wara l-insistenza tas-Sindku u l-Kunsillier Charles Bonello**

6: Tikkonferma s-Segretarja li wara intervent tas-Sindku u tal-Kunsillier Charles Bonello, il-Kunsill akkwista d-dritt li zewg zoni ohrajn li ser isiru tal-Pubbliku u li wahda minnhom tmiss ma parti minn Triq il-Parrocca u ohra tinsab fit-tarf l-iehor ta Triq il-Merhba, il-Kunsill ser ikun parti fin-negozjati ta meta jsir dan l-izvilupp miftuh?

**Iva nikkonferma.**

Il-Kuns C Bonello rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv tar-risposti.

**78.18.2** Il-Kuns M Lombardo ressaq dawn il-mistoqsijiet dwar Project Green lis-Sindku.

**Mistoqsija lis-Sindku dwar il-Park propost minn Project Green fil-Fgura**

Nikkwota minn One News - 29 ta' Mejju 2017 :

"B'investiment ta' €350,000, se jsir il-"Fgura Adventure Park". Proġett ta' riġenerazzjoni taż-żona bejn il-grawnd tal-Fgura u l-mina ta' Bormla; biex fi żmien sena jibda jitgawda mill-pubbliku. Dan il-post se jinkorpora fih BMX Park, *scouting area*, żona ta' rikreazzjoni, *walking and jogging track* itwal minn kilometru, u *multi-purpose ground.*
Filwaqt li nnota li dan mhuwhiex proġett iżolat għan-naħa t'isfel ta' Malta, is-Segretarju Parlamentari Chris Agius innota li dan huwa proġett imwiegħed fil-baġit tas-sena li għaddiet.

Qal ukoll li bix-xogħol li għaddej, sal-aħħar ta' Ġunju l-pjanti mistennija jkunu lesti biex jidħlu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.
Is-Sindku tal-Fgura Byron Camilleri fakkar fil-wiegħda fil-Manifest Elettorali ta' "Malta Tagħna Lkoll" ta' kumpens lin-naħa t'isfel ta' Malta, u qal li dan il-proġett huwa turija oħra ċara ta' kif il-Gvern qed jaħseb biex itaffi ftit mill-weġgħat li għal snin twal sofrew ir-residenti tan-naħa t'isfel ta' Malta.
Qal ukoll li b'dal-proġett, ir-residenti tal-Fgura u tal-madwar se jingħataw spazji għal familji u t-tfal biex filwaqt li jgawdu l-ambjent naturali, jingħataw spazju biex jipprattikaw id-diversi dixxiplini li tant għandhom għal qalbhom."

Din il-wegħda saret ħamest ijiem qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2017 u sentejn qabel l-aħħar elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fgura li saret f'Mejju 2019.

1: Taqbel li din il-wegħda ma nzammitx mal-poplu tal-Fgura?

**Nikkonferma li dan il-progett baqa ma sarx.**

Dan l-aħħar tħabbar li biċċa art oħra fil-Fgura, li tifred l-area ta' Triq Mondion u Triq Romano Carapecchia, mis-swar tal-Kottonera, qed jingħad li se tinbidel fi spazju miftuħ għar-residenti tal-Fgura. Ftit tas-snin ilu il-Kunsill Lokali talab ukoll li ssir devoluzzjoni ta' din l-art, liema talba sa llum għadha ma ntlaqgħetx. Peress li qed isiru ħafna dikjarazzjonijiet fil-pubbliku dwar dan il-proġett, qed inressaq dawn il-mistoqsijiet sabiex il-poplu u l-għaqdiet ikollhom moħħhom mistrieħ mill-pjani għal din iż-żona.

2. Konxju li parti minn din l-art kienet tintuża mill-Fgura Scout Group?

**Hemm devoluzzjoni ta' parti mis-Swar lill-Fgura Scouts Group.**

3. Meta saret it-talba għad-devoluzzjoni tal-art, tista' tikkonferma li din saret biex parti minn din l-art tintradd lura lil Fgura Scout Group?

**It-talba ghad-devoluzzjoni tal-Art saret permezz ta' Mozzjoni 5444/20/8 imressaq mil-Vici Sindku Clayton Cascun Portelli w il-Kunsillier Charles Bonello fil-laqgha tad-19 ta' Frar 2020. Din il-mozzjoni sabet qbil unanimu tal-Kunsillieri prezenti li kienu :**

***Jien bhala Sindku, il-Vici Sindku Cascun Portelli w il-Kunsillieri Charles Bonello, Ray Deguara, Toschera Schembri, Mario Fava, Adrian Tanti u Mark Lombardo.***

**Minkejja li dak inhar hadd ma semma lill-iscouts, ninforma lill-kamra li l-Kunsill Lokali applika ghad-devoluzzjoni tal-art li ma kienetx mikrija « unlet government property » kif indikat fl-email tal-15 ta' Gunju 2020. Ghalhekk, il-Kunsill ma applika ghall-ebda art li kienet diga ghand terzi.**

4. Tista' tikkonferma jekk din l-art, li kienet mogħtija għall-użu tal-Fgura Scout Group hijiex se tibqa' tagħhom jew le?

**Nitolbok tirreferi din it-twegiba lill-Awtorita kkoncernata.**

5. Intalbet laqgħa ma' Project Green, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura ikun involut fil-proġett bħalma jsir f'kull proġett ieħor li jsir fil-lokalita'? Jekk le, qed tippjana li titlob laqgħa b'mod immedjat?

**Jien bhala Sindku ga kont iltqajt u tkellimt fuq zoni miftuhin fil-Fgura inkluz din iz-zona. Fil-frattemp bdew il-pjanijiet preliminari b'diskussjoni ma ghaqda lokali dwar it-tfassil tal-Gnien. Il-Kunsill ser ikun qed isegwi l-izvilupp b'laqgha ohra li tissejjah fil-mument opportun.**

6. Hemm "time-frame" meta l-Kunsill Lokali se jkun jista' jevalwa l-pjanti tal-proġett, qabel ma jiġu sottometti quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar?

**Nirreferi ghat-twegiba tieghi f'punt 5.**

7. Il-Projett tal-Adventure Park, li qatt ma sar kellu jinkludi diversi żoni kif indikat fir-rapport hawn fuq. Tista' tikkonferma jekk dak imwiegħed seba' snin ilu hux se jkun rifless fil-proġett il-ġdid?

**Wiehed irid jifhem li kemm il-kuncett kif ukoll l-ambjent fejn qed jigi propost il-progett il-gdid huwa differenti. Ghalhekk m'ghandiex dubju li dak li ser jigi propost ser isir b'rispett shih lejn l-ambjent storiku tal-madwar.**

8. Peress li din l-art hi kbira ħafna, qed jiġi kkunsidrat li għaqdiet oħra fil-lokal bħal Girl Guides u għaqdiet sportivi ikollhom żoni allokati għalihom?

**Il-Kunsill huwa favur li ghaqdiet ohrajn jkunu nvoluti b'mod partikolari l-Girl Guides u dan ga gie espress pubblikament kemm mill-Vici Sindku kif ukoll mill-Kunsillier Bonello li kienu z-zewg kunsillieri li ppropones dan il-progett tlett snin ilu.**

9. Hemm indikazzjoni, wara li l-proġett jiġi approvat, meta se jibda u meta se jkun terminat?

**Nitolbok tirreferi l-mistoqsija tieghek lill-Awtorita kkoncernata.**

10. Tista' tgħid kemm hemm fondi allokati għal dan il-proġett?

**Nitolbok tirreferi l-mistoqsija tieghek lill-Awtorita kkoncernata.**

11. Tista' tghid jekk hemmx "management plan" għal dan il-proġett wara li jitlesta, u jekk hux se jkun devolut lill-Kunsill u l-istakeholders interessati, fosthom il-Fgura Scout Group?

**Diskussjoniijiet fuq dan ir-rigward iridu jsiru fi stadju iktar tard.**

# KUNSILL LOKALI FGURA

12. Tista' tassigura lill-Kunsill li din mhiex wegħda oħra tal-Gvern li tisfuma fix-xejn wara t-8 ta' Ġunju bħalma ġara fil-każ tal-Fgura Adventure Park?

**Nitolbok tirreferi l-mistoqsija tiegħek lill-Awtorita kkoncernata.**

## 78.19 AĠĠORNAMENT

**78.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-20.30hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:17 ta' Jannar, 2024